MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 500/2014

**Arte Dei Desideri Company Ltd.**

**(C – 30029)**

**vs**

**Maria Dolores Camilleri**

**(K.I. 283157 M)**

**f'isimha proprju u bhala l-uniku**

**werrieta tad-defunt**

**Joseph Camilleri**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat is-6 ta’ Gunju, 2014, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi b’kuntratt datat is-6 ta’ Gunju, 2008, in atti tan-Nutar Dr Joseph Smith La Rosa, (ara foll 4), l-intimata fuq indikata u zewgha Joseph Camilleri, ikkostitwew ruhhom veru, certi u likwidi debituri a favur tas-socjeta` rikorrenti ghas-somma ta’ hamsa u tletin elf tlett mija u tlett Ewro u tmienja u disghin centezmu, (€35,303.98), oltre l-imghax kummercjali bir-rata ta’ tmienja fil-mija, (8%), dekorribli mis-6 t’Awissu, 2008, sad-datat tal-effettiv pagament, (ara foll 5);

1.2. Illi l-kuntratt indikat fil-paragrafu precedenti gie rez ezegwibbli b’ittra ufficjali datata is-7 ta’ Dicembru, 2009, li ggib in-numru 4358/2009, (ara foll 7);

1.3. Illi l-intimata u d-defunt zewgha hallsu l-ammont ta’ tnax -il elf Ewro, (€12,000.00), lis-socjeta` rikorrenti rapprezentanti *sorte* fl-ammont ta’ sitt elef erba` mija u sitta u tletin Ewro u tmienja u erbghin centezmu, (€6,436.48) u imghax bir-rata kummercjali kalkulabbli mis-7 t’Awwissu, 2008, sas-26 ta’ Lulju, 2010, fl-ammont ta’ hamest elef hames mija u tlieta u sittin Ewro u tnejn u hamsin centezmu, (€5,563.52), u dan, wara zewg (2) kuntratti datati s-26 ta’ Lulju, 2010, *in atti* tan-Nutar Dr. Rachelle Farrugia Buhagiar;

1.4. Illi in oltre l-intimata hallset lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta’ hmistax -il elf Ewro, (€15,000.00), rapprezentanti *sorte* fl-ammont ta’ tnax -il elf erba` mija u tnejn u sittin Ewro u tnejn u sittin centezmu, (€12,462.62), u imghax bir-rata kummercjali kalkulabbli mis-27 ta’ Lulju, 2010, sal-31 t’Awissu, 2011, fl-ammont t’elfejn hames mija u sebgha u tletin Ewro u tmintax -il centezmu, (€2,537.18), u dan wara

kuntratt datat il-31 t'Awissu, 2011, *in atti* tan-Nutar Dr. Rachelle Farrugia Buhagiar;

1.5. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti ghandha kreditu ta' sittax -il elf erba` mija u erba` Ewro u tmienja u sittin centezmu, (€16,404.68), oltre l-imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija, (8%), mill-1 ta' Settembru, 2011, sad-data tal-effettiv pagament, (ara foll 9);

1.6. Illi ghaddew aktar minn tlett (3) snin mid-data tal-kuntratt u mid-data tal-ittra ufficjali fuq riferita, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), u wiehed punt tnejn, (1.2.), aktar qabel);

1.7. Illi ghalhekk kellha ssir il-procedura odjerna *a tenur* tal-artiklu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex l-istess titolu ezekuttiv jigi rez ezegwibbli mill-gdid;

1.8. Illi fit-18 ta' Novembru, 2010, miet Joseph Camilleri (K.I. numru 818957 M) fuq gia` riferit;

1.9. Illi skont ir-ricerki appoziti l-istess Joseph Camilleri miet intestat;

1.10. Illi konsegwentement il-werrieta tieghu huma martu, l-intimata Maria Dolores sive Doris Camilleri, (K.I. numru 283157 M), u uliedu Alison Pace, Caroline Camilleri u Daniel Joseph Camilleri;

1.11. Illi ulied Joseph Camilleri fuq riferiti irrinunzjaw ghall-wirt ta' missierhom, (ara foll 13 u foll 15);

1.12. Illi l-intimata Maria Dolores Camilleri accettat il-wirt bil-beneficcju tal-inventarju, (ara foll 17);

1.13. Illi ghadaqstant is-socjeta` rikorrenti qed titlob li *a tenur* tal-artiklu 259 (i) tal-Kap 12 fuq indikat, tghaddi ghall-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv *de quo* kontra l-intimata fuq indikata bhala werrieta ta' Joseph Camilleri;

1.14. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex *a tenur* tal-artiklu 258 tal-Kap 12 *de quo:*

1.14.1. Tiddikjara l-kuntratt datat is-6 ta' Gunju, 2008, bhala titolu ezekuttiv esegwibbli fil-konfront tal-intimata fuq indikata in kwantu il-bilanc ta' sittax -il elf erba` mija u erba` Ewro u tmienja u sittin centezmu, (€16,404.68), oltre l-imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija, (8%), mill-1 ta' Settembru, 2011, sad-data tal-effettiv pagament;

1.14.2. Tiddikjara li tali titolu ezekuttiv ikun ezegwibbli fil-konfront tal-intimata *a tenur* tal-artiklu 259 (i) tal-istess Kap 12, ghall-bilanc ta' sittax -il elf erba` mija u erba` Ewro u tmienja u sittin centezmu, (€16,404.68), oltre l-imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mill-1 ta' Settembru, 2011, sad-data tal-effettiv pagament;

1.14.3. Tordna l-ezekuzzjoni mill-gdid tal-imsemmi kuntratt ghall-bilanc u imghax hawn fuq riferiti sad-data tal-effettiv pagament;

1.14.4. Bl-ispejjez kontra l-intimata;

2.0. Rat ir-risposta datata s-7 ta' Lulju, 2014, li permezz taghha l-intimata sintetikament esponiet is-segwenti:

2.1. Illi d-debitu tal-intimata u ta' zewgha fuq indikati gie garantit *in solidum* bil-kuntratt datat is-6 ta' Gunju, 2008, (ara foll 4), u b'ipoteka generali u ohra specjali fuq il-fond *"The Cockerel"*, minghajr numru, Triq il-Harifa, Bugibba, San Pawl il-Bahar;

2.2. Illi l-ipoteka specjali fuq riferita hi valida ghal tletin (30) sena mid-data tal-kuntratt, allura sal-5 ta' Gunju, 2038;

2.3. Illi l-*Bank of Valletta plc* ghandu ipoteka specjali precedenti ghal dik tas-socjeta` rikorrenti ghas-somma indikata fl-istess risposta *de quo*;

2.4. Illi saru diversi laqghat biex jigi assigurat li z-zewg kredituri ipotekarji fuq riferiti, jithallsu *in toto* u tigi eliminata l-possibilita` tal-*actio pauliana*;

2.5. Illi l-uniku introjtu tal-intimata hu l-pensjoni tar-romol u m'ghandha l-ebda assi ohra hlief il-fond fuq indikat, (ara paragrafu numru tnejn punt wiehed, (2.1.), aktar qabel);

2.6. Illi dejjem ikkooperat mal-imsemmija kredituri biex tassigura li l-kreditu minnha dovut jigi onorat;

2.7. Illi l-procedura odjerna hi superflua u s-socjeta` rikorrenti setghet tuza procedura ferm anqas finanzjarjament oneruza;

3. Ezaminat id-dokument pprezentati in atti;

4. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

5. Rat il-verbal tal-istess abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat it-8 t'Ottubru, 2014, li permezz tieghu ddikjaraw li m'kellhomx provi x'jgibu u talbu decizjoni fir-rigward;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi din il-qorti m'ghandiex elementi biex ma tistriehx b'kunfidenza fuq l-esposizzjoni skritta tal-kontendenti u fuq id-dokumenti pprezentanti *in atti* li sintetikament jirrizultaw fis-segwenti:

6.1. Illi permezz tal-kuntratt datat is-6 ta' Gunju, 2008, *in atti* tan-Nutar Dr Joseph Smith La Rosa, l-intimata u l-mejjet zewgha kienu ikkostitwew ruhhom veri, certi u likwidi debituri tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont indikat fl-istess kuntratt, oltre l-imghax kummercjali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%), dekorribbli mis-6 t'Awwissu, 2008, sad-data tal-effettiv pagament, (ara foll 4);

6.2. Illi l-istess intimate tikkonferma l-esposizzjoni tas-socjeta` rikorrenti u tesprimi x-xewqa taghha li thallas il-krediti kollha minnha dovuti;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi ghalhekk, hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

7.1. Filwaqt li takkolji t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti kif minnha elenkati fit-tlett (3) talbiet espliciti taghha kif kontenuti fir-rikors guramentat promotur;

7.2. Tiddikjara li l-kuntratt datat is-6 ta' Gunju, 2008, bhala titolu ezekuttiv esegwibbli kontra l-intimata Maria Dolores Camilleri ghall-bilanc ta' sittax -il elf erba` mija u erba` Ewro u tmienja u sittin centezmu, (€16,404.68), oltre l-imghax kif hemm ukoll mitlub mill-1 ta' Settembru, 2011, sad-datat tal-effettiv pagament;

7.3. Tiddikjara li tali titolu ezekuttiv hu esegwibbli fil-konfront tal-intimata *a tenur* tal-artiklu 259 (i) tal-Kap 12 fuq riferit ghall-bilanc indikat fil-paragrafu precedenti;

7.4. Tordna l-esekuzzjoni mill-gdid tal-kuntratt *de quo* fuq riferit u dan ghall-istess bilanc fuq referit sad-data tal-effettiv pagament;

7.5. Bl-ispejjez kontra l-intimata.

.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------